**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 31 ta' Mejju, 2002**

**Numru 13**

**Avviz numru 1168/01JR**

**Karta Coverters Limited**

**vs**

**The Golden Shepherd Group Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mill-atturi fid-9 t'Ottubru, 2001, fejn intalab il-hlas ta' erba' mija u tlieta u tletin lira Maltija u ghaxar centezmi (Lm433.10), rapprezentanti bilanc ta' somma akbar, import ta' merkanzija mibjugha lis-socjeta` konvenuta izda mhux imhallsa skond invoice STPH 19 (Dok.A);**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra bonarja datata 23 ta' Jannar, 2001, u bl-imghaxijiet kummercjali mill-1 ta' Jannar, 2001 sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tas-socjeta` konvenuta prezentata fil-31 t'Ottubru, 2001 fejn intqal:**

1. **Illi s-socjeta` attrici trid iggib il-prova tal-kreditu taghha stante illi ghad irid jigi kkonstatat x'ammont jista' jkun dovut mis-socjeta` konvenuta;**
2. **Illi, in oltre, it-talba hi intempestiva stante illi:**
    i. **permezz ta' ittra ddatata 8 t'Awissu, 2000 (Dok.A), is-socjeta` konvenuta kienet talbet "history of account" peress illi l-istatement of account No.STPH 19 ma jaghti l-ebda spjegazzjoni dettaljata tat-transazzjonijiet u pagamenti effettwati mis-socjeta` konvenuta;**
    ii. **Is-socjeta` attrici baqghet ma baghtitx dan il-"history of account" kif rikjesta. Anzi, fit-23 ta' Jannar, 2001, is-socjeta` attrici regghet baghtet ittra bonarja (Dok.B) ghal hlas tas-somma msemmija hawn fuq;**
    iii. **Is-socjeta` konvenuta mill-ewwel regghet infurmat lis-socjeta` attrici bit-talba ghal "breakdown" ta' l-items imnizzla fil-fuq imsemmi Statement of Account. Izda s-socjeta` attrici baqghet ma tat l-ebda risposta.**

**3. Ghaldaqstant, is-socjeta` konvenuta tirrimetti ruhha ghad-decizjoni tat-Tribunal wara li jigi kkonstatat x'ammonti jistghu jkunu dovuti lis-socjeta` attrici. Bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici stante l-intempestivita` tat-talba.**

**Ra r-risposta ulterjuri prezentata mis-socjeta` konvenuta fid-19 ta' Dicembru, 2001, fejn gie eccepit ulterjorment:**

**i. Illi wara li saret talba quddiem dan it-Tribunal mis-socjeta` konvenuta ghal "history of account", is-socjeta` attrici pprezentat hames invoices enumerati 355513, 357334, 354850, 352469 u 353058 li jammontaw ghall-istess ammont tat-talba tas-socjeta` attrici, cioe` erba' mija tlieta u tletin lira Maltija u ghaxar centezmi (Lm433.10), annessi ma' din ir-risposta bhala Dok.A1, A2, A3, A4 u A5;**

**ii. Illi skond informazzjoni li ghandha s-socjeta` konvenuta, dawn l-istess invoices diga gew imhallsa hekk kif inhu muri fid-Dok.B anness;**

**iii. Illi, fi kwalunkwe kaz, skond id-dati ta' dawn l-istess invoices, id-debitu msemmi ta' erba' mija tlieta u tletin lira Maltija u ghaxar centezmi (Lm433.10) hu preskritt ai termini ta' l-artikolu 2148(b) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Salv eccezzjonijiet ulterjuri.**

**Ra n-nota prezentata mis-socjeta` konvenuta prezentata fil-21 ta' Marzu, 2002, dwar korrezzjoni fir-rigward tar-risposta ulterjuri, fis-sens illi l-hames invoices enumerati 355513, 357334, 354850, 352469 u 353058 jammontaw ghal erba' mija u tnejn u sittin lira Maltija u tlieta u hamsin centezmu (Lm462.53) u mhux erba' mija tlieta u tletin lira Maltija u ghaxar centezmi (Lm433.10) kif kien indikat fin-nota precedenti. Madanakollu, skond l-istatement of account (STPH 19) ipprezentat mill-istess socjeta` attrici, jekk jitnaqqas il-kreditu ta' disgha u ghoxrin lira Maltija u tlieta u erbghin centezmu (Lm29.43) (P/O352469) hekk kif jirrizulta mill-istess statement, jirrizulta l-ammont ta' erba' mija tlieta u tletin lira Maltija u ghaxar centezmi (Lm433.10), li hu l-ammont mitlub mis-socjeta` attrici.**

**Semgha x-xhieda ta' John Depasquale, John Aquilina. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra:**

1. **Din il-kawza qed issir ghall-hlas ta' erba' mija u tlieta u tletin lira Maltija u ghaxar centezmi (Lm433.10), bilanc fuq prezz ta' merkanzija allegatament mibjugha mis-socjeta` attrici lis-socjeta` konvenuta.**
2. **F'dan il-kaz gie eccepit li l-azzjoni hija preskritta a tenur ta' l-Artikolu 2148(b) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi illi l-azzjonijiet ta'**

**kredituri ghall-merkanzija, oggetti jew hwejjeg ohra mobbli, mibjugha bl-imnut tigi preskritta bl-eghluq ta' tmintax-il xahar.**

3. **F'dan il-kuntest it-Tribunal jinnota illi dan l-avviz gie prezentat fid-9 t'Ottubru, 2001, filwaqt li t-talba tirrigwarda invoices mahruga bejn it-23 ta' Marzu, 1998 u l-1 ta' Gunju, 1998. Jirrizulta wkoll li sar pagament fid-9 t'Awissu, 2000. F'dan il-kuntest ghalhekk jidher li kien sar pagament li jinterrompi l-preskrizzjoni. Ghalhekk ma jirrizultax li l-azzjoni odjerna hija preskritta.**
4. **Jirrizulta wkoll li fil-kaz in ezami is-socjeta` attrici allegat li l-invoices in kwistjoni kienu jirrigwardaw lil Corinthia Caterers. Pero` ma ngiebet ebda prova tangibbli in sostenn ta' din l-allegazzjoni.**
5. **Dwar li sar pagament lis-socjeta` attrici ta' l-ammont reklamat, it-Tribunal innota id-diversi dokumenti esebiti, kif ukoll il-korrispondenza li ghaddiet bejn il-partijiet. Issa gustament is-socjeta` konvenuta kellha dritt li tkun taf ghall-liema bejgh kienet qed tirreferi s-socjeta` attrici, haga li s-socjeta` attrici jidher li baqghet izzomm mistura sa wara li nfethet il-kawza, meta hemmhekk gew esebiti l-invoices relattivi, u din ser tigi mehuda in kunsiderazzjoni meta jigi deciz il-kap ta' l-ispejjez ta' dan il-kaz.**
6. **Is-socjeta` konvenuta allegat li kien sar il-pagament permezz ta' zewg cekkijiet, wiehed fis-somma ta' hames mitt lira u l-iehor fis-somma ta' mitejn u erbghin lira Maltija u tmienja u sittin centezmu, liema pagamenti saru bic-cekkijiet numri 4030 u 2894 rispettivament. Mhux**

**biss saret referenza ghall-dawn ic-cekkijiet, izda jirrizulta mid-Dok.B li l-pagament dwar dawn l-invoices sar f'Gunju, 1998, u Awissu 2000, Dok.B esebit. Ghalhekk jirrizulta soddisfacentement pruvat li fir-rigward ta' l-invoices imsemmija ma hemm ebda ammont bilancjali dovut mis-socjeta` konvenuta lis-socjeta` attrici.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt li qed jirrespingi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata, qed jilqa' l-eccezzjoni tal-pagement u konsegwentement jichad it-talba tas-socjeta` attrici.**

**L-ispejjez kollha, anke in vista ta' dak li ntqal fil-para.5 ta' din id-decizjoni, ghandhom jigu sopportati mis-socjeta` attrici.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**